

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2017/2461

tat-12 ta' Diċembru 2017

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Meta jkun meħtieġ li att jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Dak il-perċentwal jiġi kkalkolat skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura").
- (3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda iċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX III

Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwal tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru relattivament għall-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni (%)
Ġermanja	82 437 641	16,10
Franza	67 024 633	13,09
Renju Unit	65 808 573	12,85
Italja	61 219 113	11,95
Spanja	46 528 966	9,08

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni (%)
Polonja	37 972 964	7,41
Rumanija	19 638 309	3,83
Netherlands	17 220 721	3,36
Belġju	11 365 834	2,22
Greċja	10 757 293	2,10
Repubblika Ċeka	10 467 628	2,04
Portugall	10 309 573	2,01
Ungerija	10 080 000	1,97
Żvezja	9 797 561	1,91
Awstrija	8 752 500	1,71
Bulgarija	7 101 859	1,39
Danimarka	5 743 947	1,12
Finlandja	5 499 447	1,07
Slovakkja	5 435 343	1,06
Irlanda	4 774 833	0,93
Kroazja	4 154 213	0,81
Litwanja	2 847 904	0,56
Slovenja	2 065 895	0,40
Latvja	1 950 116	0,38
Estonja	1 315 635	0,26
Ċipru	854 802	0,17
Lussemburgu	589 370	0,12
Malta	440 433	0,09".
UE 28	512 155 106	
Livell limitu (65 %)	332 900 819	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
S. MIKSER